

# ĦARSA LEJN IS-SIMBOLI BIBLIĊI: ID-DEŻERT, IL-MUNTANJA, IT-TINDA, IS-SĦABA U L-PURTIERA TAT-TEMPJU

*Fr Charles Buttigieg*

*"Is-sħaba ksiet it-tinda tal-laqgħa; u l-glorja tal-Mulej imliet it-tabernaklu. Mosè ma setax jidħol fit-tinda tal-laqgħa, għax fuqha kien hemm tistrieħ is-sħaba, u l-glorja tal-Mulej kienet timla t-tabernaklu" (Eżodu 40:34-35).*

## Id-Deżert

Il-poplu Lhudi kien imdawwar bid-deżert (bil-Lhudi: *midbar*, bl-Aramajk *barra*, bis-Sumeru *bar*, bis-Sirjak *barrita*) u huwa nnifsu għamel din l-esperjenza ta' prova qawwija. Kelmiet oħra ebrajċi marbut mad-deżert huma *tohu* u *bohu* li tfisser post battal u vojt, mingħajr abitazzjoni. Id-deżert huwa post mimli ramel, m'hemmx triqat u direzzjoni, id-direzzjoni tingħata biss mis-smewwiet.

Fil-Bibbja jissemmew id-deżert ta' Kades, ta' Faran, ta' Sin, ta' Sur, tan-Negev, ta' Qedar tal-Għarabja u dak ta' Ġuda. Il-poplu Lhudi jekk għex u mexa fid-deżert, dan seta' għamlu għaliex kellu miegħu lil Alla jakkompanjah f'din l-esperjenza (ara Dt 8:14-17; Ger 2:6; Gob 39:4). Id-deżert ta' Sin, li fih għex għal erbgħin sena sħaħ il-poplu Lhudi wara li Alla ħarġu mill-Eġittu, huwa msemmi għall-alla semitiku tal-qamar Sin. Id-deżert ta' Sin jestendi ruħu mal-peninsula kollha tas-Sinai. F'dan id-deżert għexu matul is-snin diversi eremiti u anakoriti u fih insibu l-monasteru antik ta' Santa Katerina.

Kull bidu ġdid jibda mill-esperjenza iebsa tad-deżert (Hos 2:16). Ġwanni l-Battista jħabbar is-Saltna l-ġdida tal-Messija proprju fid-deżert ta' Ġuda, jiġifieri tal-Ġudea. Id-deżert huwa post ta' prova u purifikazzjoni. Anke Ġesù qabel ma beda l-ministeru tiegħu pubbliku għamel l-esperejenza ta' erbgħin jum fid-deżert ta' Ġuda (midbar Yehuda) li huwa bejn Ġerusalemm u l-Baħar il-Mejjet. Id-deżert niexef u sħun ta' Ġuda huwa kkaratterizzat minn diversi widien profondi *wadis* u sisien *nahals* fondi mal-1200 pied. Deżert ieħor important fil-Bibbja huwa d-deżert kbir tan-Negev, li jkopri nofs il-Palestina, u li fih għex Abram u t-tribujiet ta' Xmun u Ġuda. Illum huwa stmat li jgħixu fih mal-160,000 Lhudi bedwin.

## Il-Muntanja

L-għoli tal-muntanja fil-Bibbja huwa marbut mal-kobor ta' Alla. Il-quċċata tal-muntanja hija marbuta mal-post tal-laqgħa ta' Alla mal-bniedem, il-post tal-alleanza jew tal-patt. Hekk naraw per eżempju fil-ġrajjiet ta' Abram u Mosè. Mosè jiltaqa' ma' Alla fuq il-Ħoreb, il-muntanja ta' Yaħweh, u Alla jagħtih l-għaxar kmandamenti fuq il-Muntanja Sinaj – *Har Sinai* jew *Har ha-Elohim* li hija għolja madwar 7500 pied (ara Es 3:1 u 1 Slat 19:8). Isem ieħor għas-Sinaj huwa *Jabal Musa* jiġifieri l-muntanja ta' Mosè. Il-kelma *horeb* tfisser ħuġġieġa jew sħana u għalhekk b'rabta max-xemx. Hawnhekk Mosè ra s-siġra taqbad bla ma tinħaraq *hasneh haboeir* u li dan kien post sagru (Eżodu 3:5). Il-Ħoreb hi wkoll l-blata li minnha ħareġ l-ilma għall-poplu bil-għatx (Eżodu 17:6).

Elija jiltaqa' ma' Alla fuq il-muntanja tal-Karmelu. Anke Elija żar il-Ħoreb (1 Slat 19:8). Il-muntanja Ħoreb hija ffavorita fit-tradizzjoni jaħwista u saċerdotali tal-Antik Testment filwaqt li s-Sinaj tissemma dejjem fit-tradizzjoni elohista u dewteronomista. Xi studjużi jorbtu l-Ħoreb u s-Sinaj ma' presenza ta' vulkan estint b'rabta mal-ħruq u t-tgħeżżiż u ragħad li jissemmew fil-Bibbja. Il-Biblista Amerikan Brevard Childs jorbot l-isem tas-Sinaj mal-kelma Sumera *zen* jew *zuen*, li kien l-alla qamar meqjum bħala Namnat f'Urr u f'Harran, jew il-kelma Aramajka *seneh* jew *sanya* li tfisser għollieqa u għalhekk b'rabta mar-rivelazzjoni ta' Alla lil Mosè. Il-kittieb Josephus jorbot is-Sinaj mal-Arabia Petraea, mal-Jebel al-Madhbah f'Petra, filwaqt li ġ-ġeografu tal-Università ta' Tel Aviv, il-professur Menashe Har-El, jorbotha mal-muntanja Sin Bishar.

Ġesù ukoll, fil-vangelu ta' San Mattew, jagħti t-tagħlim tiegħu fuq il-Muntanja (Id-Diskors tal-Muntanja). Ġesù jinbidel u jsir glorjuż fuq il-muntanja Tabor jew il-Muntanja tat-Trasfigurazzjoni jew Jebel et Tur – il-muntanja tal-

muntanji – fl-ispjanata ta' Esdraelon xi 7 km bogħod minn Nazareth. Ġesù jifdina bis-salib fuq il-għolja tal-Kalvarju.

Muntanji oħra li huma marbuta mal-Bibbja huma Ararat, Ebal, Ephraim, Gaash, Gebel Basan, Gerizim, Gilboa, Hazor, Libanu, Ħermon jew is-Sirjon, Hor, Miżar (Gebel Misar), Moreja, Nebo, l-għolja taż-Żebbuġ, Pisgah, Seir, Sijon, Zafon (Jebel el-Aqra) u Petra. Il-Ħurriti kienu meqjusa bħala l-poplu tal-muntanji.

## It-Tinda

Meta l-poplu kien jieqaf fid-deżert, kien ipoġġi l-arka fit-tabernaklu, tinda li kienet tkun magħmula mis-suf tal-mogħoż, *ha-mishkan*, bil-Latin: *tabernaculum*, Lhudi: *'ohel*; Grieg: *skene* (Ara Eż 26:30 u Eż 40:21).

"Kull meta Mosè kien jidħol fit-tinda kienet tinżel kolonna ta' sħab, u tieqaf fil-bieb u titkellem ma' Mosè" (Eż 33:9). Fl-Ebrajk insibu l-kelma *shakan* li tfisser litteralment iddellel, minn hawn gejja l-kelma *shekinah*. It-tinda tal-laqgħa, mill-verb *'y'd'*, jew tal-patt – *'ohel mo'ed* – hija l-post fejn Alla jiltaqa' mal-poplu tiegħu. Tissejjaħ ukoll it-tinda tax-xhieda mill-verb Ebrajk *'wd'*. Din l-idea ta' tinda – santwarju – nsibuha ukoll fil-kulturi tal-popli tad-deżert u dawk semitiċi. (Ara Ġob 9:8 u Salm 104:2, Is 40:22.)

Il-popli tal-Mediterran fosthom il-Kartaġiniżi, kellhom tinda qaddisa. Din kienu jwaqqfuha u taħtha jqiegħdu figuri tal-allat tagħhom. San Ġwann jgħidilna li meta Ġesù nkarna u ġie fid-dinja huwa qiegħed it-tabernaklu tiegħu, litteralment waqqaf il-għarix tiegħu, fostna. It-tinda simbolu tal-protezzjoni għall-bniedem hija ukoll s-simbolu tal-għaqda ta' bejn is-sema u l-art. Simbolu tal-ħniena ta' Alla u tal-għajnuna tiegħu (Ara Salm 27:5; 2 Kor 5:1-4 u Apk 15:5). Li wieħed jgħammar taħt it-tinda jfisser parteċipazzjoni ħajja u sħiħa ma' Alla, presenza bħal dik futura fis-santwarju ta' Ġerusalemm.

Insemmu wkoll li ż-żwieġ Lhudi kien isir taħt it-tinda jew il-baldakkin. Kien hemm ukoll il-Festa tal-Għerejjex jew tat-Tined, bil-Lhudi: *Sukkoth*, li taħbat fil-ħarifa, eżattament fil-15-il jum tax-xahar ta' Tishri, bejn Settembru u Ottubru, meta kienu jaqtgħu l-għeneb. Il-festa tfakkar meta l-Lhud kienu jgħixu fit-tined matul





l-erbgħin sena tal-pellegrinaġġ fid-deżert (Ara Lev 23:42 u Ġw 7 37-46). Il-Festa ddum sebat ijiem u l-familji jagħmlu ħdejn djarhom jew fuq il-bjut, it-tined. Ta' min isemmi hawnhekk, b'rabta mat-tined, il-poplu tal-Ħiwiti, bl-Ebrajk: *havoth* li kienu jgħixu fit-tined f'Hermon, Tir, Libanu, Sikem u Gibeon (Ara Ġoswè 11:3).

## Is-Sħaba

Għandna ukoll l-isħaba, bil-Lhudi *`anan*, Grieg *nephele*, u d-dell fil-mixja tal-poplu Lhudi fid-deżert bħala simboli oħra ta' min isemmihom. Is-sħaba hija marbuta mal-presenza, *shekinah*, ta' Alla kif naraw f'Eżodu 40:38 u Numri 10:34. Naraw il-glorja tal-Mulej tinżel fuq is-Sinaj u sħaba tgħatti lil Mosè għal sitt ijiem (Ara Esodu 24:16). Naraw li d-dell jissemma fit-tħabbira tal-anġlu lil Marija: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa tal-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis, u jissejjaħ Bin Alla." (Luqa 1:35) L-isħaba tissemma fit-Trasfigurazzjoni tal-Mulej fuq it-Tabor (Luqa 9:34-35) u fit-Tlugħ tal-Mulej fis-sema quddiem id-dixxipli tiegħu (Atti 1:9). Is-sħaba wkoll għad turi lil Bin il-Bniedem fil-glorja tiegħu fil-jum tat-tieni miġja tiegħu (Luqa 21:27). Hija simbolu tal-misteru li jgħatti, bil-Grieg: *episkiazo*, s-sagru. Is-sħaba simbolu tal-presenza ta'

Alla li kienet takkumpanja lill-Israeliti fid-deżert (Es 13:21). Simbolu eskatoligiku tat-tieni migja ta' Kristu (Lq 21:27 u Mk 13:26). Fl-arti tal-ġudizzju finali s-sħab jifforma t-tron ta' Alla. Is-sħaba hija s-simbolu tat-tama u l-ħajja ġdida. Meqjusa bħala l-ilbies ta' Alla (Ara Prov 30:4). Hija wkoll simbolu tal-glorja ta' Alla. Hija simbolu tat-tron. It-tron huwa simbolu ta' potenza u ta' aworità u tad-divinità (Ara Eżekjel 1:2 u Apok 4:2), simbolu tal-parusia, it-tron ta' Alla fis-sema (Ara Salm 11:4, Is 66:1). Is-sħaba hija riferiment għall-Ispirtu ta' Alla: "Min kien dak li għalaq il-baħar b'bibien, meta dan b'qawwa ħareġ mill-ġuf, meta bis-sħab libbistu, u bid-dlam fisqejtu" (Ġob 38:8-9, ara Ġenesi 1:2).

Mis-sħaba tinżel ukoll ix-xita u għalhekk il-barka ta' Alla. L-ilma fuq kollox huwa d-don ta' Alla għall-ħajja. Fil-Bibbja l-postijiet marbuta mal-ilma kienu wkoll postijiet marbuta mal-kult; per eżempju, Banias - Cesarea ta' Filippi, Beer Sheba, Lahai Roi, Qadesh, En Mishpath, En Shemesh, u Baalat Beer - is-Sinjura tal-Bir.

## Il-Purtiera tat-Tempju

It-tempju ta' Ġerusalemm huwa marbut mal-presenza u mal-glorja tal-Mulej: "Qiegħed il-Mulej ix-xemx fis-smewwiet; imma hu ried jgħammar fid-dlam. Għalhekk jien bnejtlek dar fejn tgħammar, post fejn toqgħod għal dejjem" (1Slaten 8:12-13). Il-ħajt jew iċ-ċirku tal-ġebel, kif tfisser Gilgal, u l-bitħa tat-tempju jindikaw is-sagrilità tal-post tat-tempju *miqdash* u fuq kollox tal-għamara tiegħu. Fost is-santwarji li nsibu fil-Bibbja għandna Sikem u fil-qrib Ebal u Gerizim, Betel *Beitin* qrib Ramallah, Mambre *Qiryat Arba* jew *Haram Ramet el-Halil* qrib Ħebron, Beer Sheba, Gilgal, Silo *Khirbet Seilun* qrib Lubban, Mispa Beniamino *Nebi Samwil*, Gabaon *el-Gib*, Ofra *Tagħibeh*. Dan *Tel Dan*, Mika f'Efrajm u t-tempju ta' Ġersualemm, l-ewwel wieħed mibni mir-Re Salamun.

Il-velu, jew purtiera, huwa simbolu tas-sema (Ara Is 40:22). Wara l-purtiera kien hemm l-arka tal-patt. F'1 Mak 4:51 naraw l-għożża ta' dan il-velu fit-tempju. Il-purtiera kienet twila madwar sittin pied bi tletin pied wiesgħa. Kienet magħmula minn erba' kuluri, il-vjola, roża, aħmar u isfar, għall-erba' elementi tan-natura, l-art, l-arja l-ilma u n-nar. U kienet tkun irrakkmata bid-deheb. Kienu jinsġuha tmien tfaljiet verġni, ta' madwar tnax jew tlettax-il sena, mit-tribù ta' Ġuda. Dan ħalli juru s-safa u l-innoċenza marbuta ma' dan il-velu qaddis. Kienet issir waħda kull sena u tiddendel lejlet il-festa tal-espjazzjoni. Magħmula mill-porpra, drapp vjola li kien jiswa ħafna flus, u għażel fin.

## Biblijografija


Biedermann, H., *The Wordsworth Dictionary of Symbolism*, New York 1996.

Cortese, E., *The Priestly Tent (Ex 25-31.35-40). Literary criticism and the Theology of P Today*, in *LA* 48 (1998) 9-30.

Danielou J., *I simboli cristiani primitivi*, Roma 1990.

Davis, G.I., *The Wilderness itineraries: A comparative Study*, in *Tyndale Bulletin* 25 (1974) 46-81.

Estabrooks, A.S., *Some initial notes for a comparison of the orthodox worship and mission today, with the eschatological vision of worship in the book of Revelation*, in *The Canadian Journal of Orthodox Christianity* 7 (2012) 200-215.

Leon-Dufour X., *Dictionary of Biblical Theology*, London 1969.

Lurker, M., *Dizionario delle Immagini e dei Simboli Biblici*, Cinisello Balsamo (Milano) 1990.

Pilch, J.J., *The cultural Dictionary of the Bible*, Collegeville (Minnesota), 1999.

Ravanelli, V., *I santuari dell'Antico Testamento*, in *SBF*, Jerusalem 2005, 1-9.

Wright, T.F., *Was the Tabernacle oriental?*, in *JBL* 18 (1899) 195-198.

Vuk, T., *Religione nazione e stato nel vicino oriente antico e nella Bibbia*, in *LA* 40 (1990) 105-158.